MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Rikors Numru. 15/2006

Hekmat Mohammed Moatti El Fraie
vs
L-Onor. Prim Ministru, l-Onor. Ministru tal-Gustizzja u l-Intern, Il-Kummissarju Ghar-Rifugjati, is-Segretarju tal-Bord Ta’ l-Appell dwar ir-Rifugjati u l-Avukat Generali

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih ippremetta:

1. Illi nhar it-30 ta’ Mejju 2005, ir-rikorrent talab li jigi rikonoxxut lilu da parti ta’ l-istess awtoritajiet Maltin, l-istatus ta’ rifugjat jew alternattivament dik ta’ persuna li kien jisthoqqilha tinghata protezzjoni umanitarja.

2. Illi fl-istess jum, ir-rikorrent kien mar gewwa l-Ufficcju tal-Kummissarju tar-Rifugjati sabiex jkun jista’

jimla applikazzjoni fejn fl-ebda hin ma gie spjegat lilu li seta' jitlob li jkollu assistenza legali.

3. Illi minkejja kien hemm prezenti interpretu tal-lingwa Gharbija waqt il-mili ta' l-istess applikazzjoni gie rilevat li minkejja li l-applikant ikun qed jispjega ruhu bil-lingwa Gharbija dak kollu li jghid jigi riprodott fil-lingwa Ingliza da parti tar-"reporting officer" u galadarba huwa ma jifhimx bil-lingwa Ingliza ma seta' qatt jivverifika jekk il-kontenut ta' l-applikazzjoni tieghu effettivament tikkorispondix ezzattament ma' dak dikjarat minnu.

4. Illi ftit wara r-rikorrent ircieva "eligibilty memo" da parti tal-Kummissarju ghar-Rifugjati, li permezz taghha l-istess Kummissarju nfurmah li t-talba tieghu ghall-istatus ta' rifugjat kienet giet michuda.  Gie rilevat li dan id-dokument kien miktub bil-lingwa Ingliza, lingwa li r-rikorrent ma jifhimx kif dikjarat fl-applikazzjoni tieghu ghal status ta' rifugjat u ma kienx f'pozizzjoni li jifhem dak li gie komunikat lilu.  Barra minn hekk il-kontenut ta' l-istess memo jirrispekkja risposta standard mahruga mill-ufficju tal-Kummissarju Ghar-Rifugjati li del resto turi li ma saritx konsiderazzjoni xierqa ghat-talba tieghu, agir in vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq.

5. Illi r-rikorrent intavola appell fil-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati nhar it-2 ta' Gunju 2005 fejn talab li dan il-Bord tal-Appell jappunta data ghas-smiegh tat-talba tieghu stante li r-rikorrent fost affarijiet ohra  ma thalliex iressaq il-kaz tieghu b'mod adekwat u xieraq u stante li l-proceduri saru f'lingwa li r-rikorrent ma jifhimx bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu.

6. Illi nhar l-11 ta' Awissu 2005, ir-rikorrent ircieva ittra minghand il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati li permezz taghha gie nfurmat li l-ittra ta' appell tieghu lanqas biss setghet tigi kunsidrata; fatt li mhux biss jikkostitwixxi applikazzjoni hazina u kwindi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar ir-Rifugjati izda wkoll ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

7. Illi gie rilevat li l-Bord tal-Appell dwar ir-Rifugjati wasal ghad-decizjoni tieghu minghajr lanqas biss ma zamm seduta wahda li fiha seta' jkun prezenti r-rikorrent u l-konsulent legali tieghu sabiex iressqu l-kaz tar-rikorrent.

8. Illi dan kien jikkostitwixxi ksur manifest u lampanti tad-dritt ghal smiegh xieraq tar-rikorrent kif sancit fl-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.

9. Illi in sostenn ta' dan inghad, li r-rikorrent mhux talli ma nghatax dritt ta' udjenza, kif kien del resto kien jispetta lilu, izda l-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati fid-decizjoni tieghu jirreferi ghal fatti li gew migjuba a konjizzjoni tieghu da parti ta' terzi ignoti minghajr ma l-istess Bord ikkonfronta lir-rikorrent bl-istess fatti sabiex dan ikun jista' jiddefendi ruhu minn allegazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. Dan imur kontra l-principju tad-doppio esame u l-ispirtu ta' dibattimento prevalenti fil-procedura guridika ta' pajjizna ghal diversi sekli.

10. Illi gie rilevat li fl-ittra li permezz taghha l-imsemmi Bord informa lir-rikorrent bid-decizjoni tieghu, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni tal-persuni li kkunsidraw il-kaz tar-rikorrent u ghalhekk ir-rikorrent fl-ebda stadju ma seta' jkun jaf minn min kien qieghed jigi gudikat, bi pregudizju serju ghad-drittijiet proceduali tieghu, fosthom li jirrikuza membri formanti parti mill-istess Bord ghar-ragini valida fil-Ligi. Dan kien jirrifletti struttura gudizzjarja ta' natura inkwizitorja li tmur ghal kollox kontra l-valuri u l-principji tal-gustizzja nostrana.

11. Illi r-rikorrent hass li kien ferm ingust li xi awtorita` tiddisponi mill-kaz tieghu billi tghid li ma applikax ghal status ta' rifugjat entro terminu stabbilit mill-ligi, meta l-istess awtorita` ma tatux l-opportunita` li jispjega ruhu u jressaq il-kaz tieghu b'mod adegwat u xieraq, kif del resto jimponi l-istess Att dwar ir-Rifugjati u t-trattati internazzjonali li taghhom Malta hija firmatarja.

12. Illi inoltre d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar ir-Rifugjati giet komunikata lir-rikorrent tramite ittra

allegatament iffirmata mis-segretarju ta' l-istess Bord, meta l-Att dwar ir-Rifugjati jistipula b'mod car li d-decizjoni dwar Appell ta' xi applikant trid tkun emanata mill-Bord u mhux mis-Segretarju tal-Bord.

13. Illi r-rikorrent kien imcahhad mid-dritt ghall-assistenza legali effettiva kif sancita fl-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u kif ben interpretata u applikata fis-sentenzi sija Tal-Qrati Maltin kif ukoll tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-agir suespost tal-Kummissarju ghar-Rifugjati u l-Bord tal-Appell dwar ir-Rifugjati jivvjola d-dritt ta' smiegh xieraq sancit fl-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta l-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, kif sancita taht il-Kap 39 tal-Ligijiet ta' Malta u taht l-obbligi internazzjonali ta' l-Istat ta' Malta.

2. Taghti kull rimedju jew direttivi opportuni li jidrulha xierqa.

B'riserva ta' kull dritt u azzjoni.

**B. RISPOSTA:**
Rat ir-risposta ta' l-intimati li eccepew:

1. Illi preliminarjament, il-Prim Ministru u l-Avukat Generali **mhumiex leggittimi kuntradritturi** f'dawn il-proceduri u ma jistghux iwiegbu ghall-ghemil tal-Kummissarju dwar ir-Rifugjati u tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati, stante li hemm awtoritajiet ohra governattivi li huma responsabbli minn dawn b'mod dirett. Fir-rigward tal-Avukat Generali dan qed inghad b'mod partikolari b'referenza ghall-artiklu 181 B(2) tal-Kap 12.

2. Illi preliminarjament, il-Kummissarju dwar ir-Rifugjati ma jwegibx, ghal-lanjanzi tar-rikorrent fil-konfront tieghu stante li l-ligi relevanti taghtih il-poter jaghmel biss

rakkomandazzjonijiet u ghalhekk it-talbiet ghandhom ikunu diretti lejn min jimplimenta dawn ir-rakomandazzjonijiet tieghu.

3. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suepost, is-Segretarju tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati u l-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati ma jwegbux ghall-lanjanzi tar-rikorrent stante li l-Bord huwa awtorita` gudikanti u ghalhekk dan ma jistax jitharrek fi procedura gudizzjarji. Il-Bord jaghmel referenza ghas-sentenza li llum hija gudikat fl-ismijiet **Abera Woldu Hiwot et vs Prof Henry Frendo et** deciza mill-Prim'Awla f' sede kostituzzjonali.

4. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suepost, in kwantu din il-procedura hija intiza biex isservi biex isservi ta' appell mid-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati dwar il-kaz tar-rikorrent, u biex tiddeciedi jekk it-talba tar-rikorrent lill-Kummissarju u lill-Bord kenitx korretta jew le fil-mertu, din il-procedura hija karenti minn fondament guridiku.

5. Illi fil-mertu ma kien hemm l-ebda ksur tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni jew tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni fir-rigward tar-rikorrent, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

a) In kwantu r-rikorrent jinvoka d-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi proceduri quddiem il-Kummissarju u quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati, l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni m'humiex applikabbli ghall-kaz stante li m'hemm l-ebda forma ta' **'kontestazzjoni'** f'dawn il-proceduri. Ir-rikorrent applika mal-awtorita` kompetenti f'Malta biex jakkwista l-istatus ta' rifugjat, izda dan gie michud lilu. Imbaghad appella quddiem il-Bord tal-Appelli li huwa Bord indipendenti mill-Kummissarju. F'dawn ic-cirkustanzi ma jissussistix ir-rekwizit ta' 'kontestazzjoni' kif mitlub minn dawn iz-zewg artikoli.

b) In kwantu r-rikorrent jinvoka d-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi proceduri quddiem il-Kummissarju u quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati, dawn iz-zewg artikoli

m’humiex applikabbli ghall-kaz stante li dawn il-proceduri m’humiex **‘determinattivi’** ta’ xi dritt jew obbligu civili.

c) In kwantu r-rikorrent jinvoka d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq fi proceduri quddiem il-Kummissarju u quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifugjati, dawn iz-zewg artikoli m’humiex applikabbli ghall-kaz in kwistjoni stante li dawn il-proceduri ma jittrattawx dwar **drittijiet** jew obbligi ta’ **natura civili**.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, in kwantu r-rikorrent jilmenta dwar nuqqas ta’ smiegh xieraq quddiem il-Kummissarju u quddiem il-Bord, l-intimati jissottomettu il-Kap 420 jipprovdi dwar kif ghandha ssir il-procedura quddiem dawn l-entitajiet u ghalhekk l-intimati jissottomettu li f’kull hin il-Kummissarju tal-Bord imxew skond il-ligi.

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, inghad ukoll li in kwantu r-rikorrent jilmenta dwar nuqqas ta’ smiegh xieraq minhabba nuqqas ta’ smiegh orali fil-proceduri quddiem il-Bord, l-intimati jissottomettu li l-Bord tal-Appelli mexa korrettement u skond il-ligi meta ghadda ghad-decizjoni tieghu minghajr ma ordna li ssir smiegh orali. L-A.L. 252 tal-2001 jaghti l-fakulta` lill-Bord li jekk ihoss li hu mehtieg, jordna s-smiegh orali, pero` dan mhux mandatorju. Lanqas ma kien hemm xi htiega ta’ provi godda f’dan il-kaz. Ir-rikorrent mhux qed jilmenta dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-ligi nnifisha izda dwar il-kaz partikolari tieghu. L-inkartament kollu tal-kaz ghadda ghal quddiem il-Bord u hekk, il-Bord kellu quddiemu bizzejjed sottomissjonijiet biex jasal ghad-decizjoni tieghu. Il-fatt li r-rikorrent m’ghamilx sottomissjonijiet orali quddiem il-Bord ma jfissirx fih innifsu li r-rikorrent ma nghatax smiegh adegwat u li jixraq lill-kaz tieghu.

8. Illi r-rikorrent donnu qed jilmenta wkoll dwar il-proceduri quddiem il-Kummissarju dwar ir-Rifugjati kienu b’lingwa li hu ma setax jifhem. Dwar dan jinghad is-segwenti:

a) Illi kuntrarjament ghal dak li jsostni r-rikorrent, mhux minnu li meta r-rikorrent mar fl-ufficju tal-Kummissarju

dwar ir-Rifugjati hadd ma spjegalu li seta' jitlob li jkun assistit minn persuna legali. Li fil-fatt gara kien li r-rikorrent kien ittrattat bhalma jkunu ttrattati l-applikanti kollha. Meta hu mar biex japplika ghal status ta' rifugjat, l-interpretu staqsieh jekk jafx jaqra u b'liema lingwa. Ladarba kien jaf jaqra, hu nghata informazzjoni bil-miktub dwar il-procedura u dwar id-drittijiet tal-applikanti kemm bl-Ingliz kif ukoll bl-Gharbi, ladarba din kienet il-lingwa tar-rikorrent. Kopja ta' din l-informazzjoni giet annessa bhala Dok PM1 (Ingliz) u PM2 (Gharbi).

b) Illi kuntrarjament ghal dak li r-rikorrent isostni, mhux minnu li r-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju dwar ir-Rifugjati maghrufa bhala eligibibility memo nghatat lir-rikorrent biss bil-lingwa Ingliza. Fil-fatt, bhalma jigri f'kull kaz, ladarba l-lingwa tar-rikorrent kienet l-Gharbi ir-rakkomandazzjoni ntbaghtet lilu kemm bl-Ingliz kif ukoll intbaghtet traduzzjoni taghha bl-Gharbi. Kopja ta' din ir-rakkomandazzjoni giet esebita bhala Dok PM3 (Ingliz) u PM4 (Gharbi). F'kull kaz, inghad ukoll li ladarba r-rikorrent appella mir-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju, jidher li fehem il-kontenut taghha.

9. Illi rigward il-fatti ta' dan il-kaz, inghad li r-rikorrent applika ghal status ta' rifugjat fit-30 ta' Mejju 2005 u dahal Malta fit-28 ta' Awissu 2004. Ghalhekk a bazi tal-artiklu 8(2A) tal-Kap 420, l-applikazzjoni tieghu ma kenitx valida, u rrizulta li ma kien hemm ebda raguni specjali biex il-Kummissarju jirrakkomanda li fil-kaz tar-rikorrent, it-terminu stabbilit mil-ligi ma japplikax. Il-Bord tal-Appelli kien tal-istess fehma. Ghalhekk kemm il-Kummissarju kif ukoll il-Bord imxew skond il-ligi.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun l-kaz.

Ghaldaqstant l-intimati ssottomettew li f'kull hin l-intimati mxew skond il-ligi. Issottomettew ukoll li ma jirrizulta li kien hemm ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem, fil-konfront tar-rikorrent, la taht il-Konvenzjoni u lanqas taht il-Kostituzzjoni, u ghalhekk ir-rikors kellu jkun michud bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Xehdet Jacqueline Marney, segretarja tal-Bord ta' l-Appell dwar ir-Rifugjati u semmiet li l-membri tal-bord kienu 3 bhas-soltu u cioe` c-***chairman*** li huwa l-Professur Henry Frendo u Dr. Mark Chetcuti u Dr. Neville Camilleri u hi kienet is-segretarja tal-Bord. Ir-rikorrent ma deherx quddiem il-Bord u anqas fl-ebda hin huma ma baghtu jghidulu biex jidher. Giet mitluba biex tesebixxi l-appell tar-rikorrent kif ukoll id-decizjoni tal-Bord u promettiet li fi zmien 3 gimghat tesebixxi kopja tal-proceduri kollha tal-kaz in kwistjoni.

Rat l-affidavit ta' Hekmat Mohammed Moatti El Fraie fejn spjega li dan l-affidavit kien qed jaghmlu bl-ghajnuna ta' habib tieghu li kien qed jittraduci mill-Gharbi ghall-Malti. Qal li hu dahal fil-gzejjer Maltin f'Awissu tas-sena 2004 wara li kien harab mis-Sirja xi disa' xhur qabel minhabba l-biza li kien hemm ghal hajtu. Spjega li gewwa s-Sirja kellu incident tat-traffiku li fih kien laqat tifel ta' hdax-il sena li kien miet b'konsegwenza ta' dan l-incident. Minn dak in-nhar ta' l-incident beda jigi mhedded mill-familjari ta' dan it-tifel li jekk jsibuh kienu se joqtluh u din it-thedid baqghet ghaddejja u qatt ma waqfet lanqas meta missieru kien offrielhom flus biex ihalluh bi kwietu, huma riedu biss li hu jmut bhal ma gara lit-tifel taghhom. Mis-Sirja kien mar gewwa l-Libja u kien ilu xi disa' xhur meta cemplulu l-familjari tieghu mis-Sirja u nfurmawh li l-familjari tat-tifel kienu saru jafu li kien gewwa l-Libja u kienu baghtu xi nies ghalih. Malli qalulu hekk hu kellu jahrab mill-Libja u gie f'Malta. Dahal Malta regolarment bil-***visa*** izda ghalkemm f'parti minnha din il-***visa*** kienet tghid li kellu xahar, f'parti ohra kien hemm miktub li kellu xi sebat ijiem ***visa***. Minhabba hekk kien spicca minghajr ***visa***. Hu beda jinheba ghax kellu biza kbira li jinqabad u jintbaghat lura

f’pajjizu. Fit-30 ta’ Mejju 2005 mar wahdu japplika ghall-istat ta’ refugjat. Dak in-nhar li mtliet il-formola hu ma ntwera l-ebda karta miktuba bl-Gharbi u anqas intalab l-ebda karta. Hadd ma nfurmah li seta’ jkollu l-assistenza ta’ xi terzi persuni u aktar l-assistenza ta’ xi Avukat. Talbuh jiffirma l-applikazzjoni izda ghalkemm iffirma hu ma kienx jaf il-kontenut taghha ghaliex kienet bl-Ingliz. Wara xahar li ghamel l-applikazzjoni minhabba li ma kienx ghadu sema’ xejn minn ghand il-Kummissjoni tar-Riugjati kien rega’ mar fl-ufficju taghhom gewwa Sant’ Iermu. Staqsiehom x’kien gara mill-applikazzjoni u dakinhar kienu tawh karta bl-Inliz u qalulu li l-applikazzjoni tieghu kienet giet rifjutata. Hu ma fehemx ezatt x’kien gara u kien staqsiehom jekk setax jappella u qalulu li seta’. Ghamel appell izda wara l-avukat infurmah bil-kontenut taghha jigifieri li l-appell tieghu anqas biss seta’ jigi kkonsidrat ghaliex kien tefa’ l-applikazzjoni aktar minn xahrejn wara li dahal Malta. Konsegwenza ta’ hekk intbaghtet ittra lill-Bord ta’ l-Appell tar-Refugjati mill-avukat tieghu (dokument HM5) fejn l-avukat talbet fost ohrajn li l-Appell tieghu jinstema quddiem il-Bord qabel ma ttitiehed xi decizjoni. Fit-22 ta’ Dicembru, 2005 intbaghtet ittra lill-Avukat tieghu fejn infurmatha mis-Segretarja tal-Bord ta’ l-Appell li ghal darba ohra kienu qed jirrifjutaw li l-Appell jinstema’ quddiem l-Bord (dokument HM6).

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Fl-14 ta’ Marzu 2007 filwaqt li l-Qorti tat il-fakultajiet lill-partijiet jipprezentaw nota ta’ osservazzjonijiet u dokumenti, iddifferit ir-rikors ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni dwar l-inapplikabilita` tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Infatti fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghhom l-intimati ssollevaw li ma hemm l-ebda ksur ta’ l-aritkolu 6 tal-Konvenzjoni jew 39 tal-Kostituzzjoni fir-rigward tar-rikorrenti – li dawn l-artikoli mhux applikabbli stante li ma hemm ebda forma ta’ **kontestazzjoni** f’dawn il-proceduri, li r-rikorrent jinvoka d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, liema artikoli ma humiex applikabbli ghall-kaz stante li dawn il-proceduri ma humiex **determinattivi**, kif ukoll finalment li l-proceduri ma jittrattawx dwar **drittijiet** jew obbligi ta’ natura **civili**.

L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll 6 tal-Konvenzjoni jiggarantixxu s-smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi, u dan kemm fil-kaz ta' reati kriminali jew dwar l-ezistenza jew estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili. L-artikoli 39(1) u (2) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem huma sostanzjalment identici. Infatti fis-sentenza tat-22 ta' Ottubru 1984 fl-ismijiet **E.T. Reverendissimu Monsnjur Arcisqof Giuseppe Mercieca noe et vs Onor. Prim Ministru et**, il-Qorti Kostituzzjonali kienet irrimarkat li certi kliem f'dan l-artikolu kien mehud kelma b'kelma mill-ewwel inciz ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Infatti fihom jinghad:
Kost - 39. (2) "Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli."

Konv - Kap 319 - L-Ewwel Skeda Artikolu 6
"(1) Fid-decizzjoni tad-drittijiet Civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'socjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-qorti f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja."

Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza taghha moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fl-14 ta' Gunju 2002 fl-ismijiet **Ernest Balzan vs Kummissjoni dwar is-Servizz**

**Pubbliku**, liema kaz kien jirrigwarda decizjoni mill-imsemmija Kummissjoni. Fiha l-Qorti kienet qalet:
“A. Li fil-Kostituzzjoni l-artikolu 39 (2) jitkellem dwar “Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b’ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta’ drittijiet jew obbligi civili”. Ta’ min josserva li fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni dwar it-Tifsir – ma hemmx definizzjoni la ta’ qorti u lanqas ta’ awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b’ligi. L-istess kelma u frasi jistabu fis-sub-artikoli (3) u (4) tal-istess artikolu. Izda l-kliem uzat mill-Kostituzzjoni huwa tant car u ma jhalli ebda dubbju ghal xiex qieghed jirreferi – u cioe’ Qorti u certament mhux qieghed jirreferi ghal Public Service Commission jew ghall-Prim Ministru fil-mansjonijiet tieghu ghall-hatriet fic-civil. Fil-Qorti hemm kontestazzjoni [li ser sir riferenza aktar ampja ghaliha] kemm fil-kamp Kriminali kif ukoll fil-kamp Civili – u cioe’ jekk ghandux ragun il-prosekutur li jakkuza jew l-imputat li jsostni l-innocenza tieghu taht l-akkuza fil-kamp kriminali; u hemm kontestazzjoni fil-kamp civili jekk hux l-parti jew l-ohra li ghandha ragun taht il-ligijiet u ippruvatux skond il-ligijiet tal-pajjiz. Dan certament mhux dak li taghmel il-PSC specjalment fir-rakkomandazzjonijiet taghha ghal hatriet. Il-PSC tirrakkomanda u m’ghandhiex id-decizjoni finali. Id-decizjoni taghha mhux titolu ezekuttiv jew sentenza ta’ kundanna izda rakkomandazzjoni. U hija rakkomandazzjoni mhux biss ghax inzerta li kienet intuzat dik il-kelma u mhux ohra aktar deskrittiva u approprija, izda ghax verament dak hu li taghmel u dan kif definita fil-ligi. Il-PSC ma hijiex xi Tribunal.

B. Certament lanqas ghandu l-Prim Ministru [u certament anqas minnu xi Ministru] xi funzjoni vestita fil-Qrati jew Tribunal li jiddeciedi jew jinterpreta xi ligi. Il-funzjonijiet tieghu huma differenti u johorgu cari minn ligijiet izda huwa car li ma ghandux tali funzjoni. Kieku kellu l-funzjoni li mill-Kostituzzjoni hija vestita fil-Qrati kien ikun hemm ksur ta’ wiehed mill-aktar principji fundamentali li fuqu hi bbazata l-Kostituzzjoni u cioe’ dak tas-Seperation of Powers.

C. Mill-Kostituzzjoni stess tohrog car id-distinzjoni bejn qorti u awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b’ligi u dan

specjalment wara li wiehed jezamina l-artikoli 39 (1) u (2) fejn wajda tirreferi ghal akkuza kriminali waqt li l-ohra tirreferi ghal drittijiet civili u obbligi. Fil-kaz ta' akkuza kriminali l-Kostituzzjoni tikkunsidra biss qorti, u meta titkellem fuq il-qrati ssemmi zewg tipi ta' qrati – s-superjuri u l-inferjuri u ghalhekk ghandhom gurisdizzjoni kriminali biss l-Qorti tal-Magistrati [kemm bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kemm ghall-iskop tal-Inkjesti] il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali. Kull awtorita' ohra ma hijiex kompetenti ghal offizi kriminali. Meta nhatru l-Kummissarji tal-Gustizzja, l-akkuzi gew depenalizzati, u dak li jigi ezaminat mill-Kummissarji mhumiex offizi kriminali izda infrazzjonijiet amministrattivi.

D. Interessanti kien ukoll dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Il-Pulizija vs Emmanuel Vella" [28/6/1983] fejn ma qablitx ma' dak li kienet qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-interpretazzjoni taghha tal-kelma qorti minhabba li kienet wisq wiesgha u inkludiet kull forma ta' Tribunal u awtorita' fejn hemm decizzjonijiet. Dak il-kaz kien jikkoncerna l-Price Control Board u kien hemm decizjoni li l-Bord ma kienx indipendenti u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni. Izda l-Qorti Kostituzzjonali hasset li billi l-Bord kien riferut bhala Qorti fl-Avviz Legali 8 tal-1982 wiehed dejjem ried ihares lejn l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk tribunal "de quo" mhux Qorti ghall-iskop tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk mhux kompetenti biex u ma ghandux gurisdizzjoni jiddeciedi offizi kriminali li kien akkuzat bihom Vella. Ara wkoll kaz simili ta' Coreschi vs Kummissarju tal-Pulizija et [21/7/1989] fejn il-Qorti qiset li l-Kummissarju tal-Pulizija ma setax jigi kkunsidrat qorti u ghalhekk ir-Reolament 23 tal-Motor Vehicles Act 1948 kien jikser il-Kostituzzjoni. Ebda persuna ma tista' tigi kkundannata b'penali kriminali sakemm mhux f'qorti ta' natura kriminali li jkun presedut minn Magistrat jew Imhallef.

E. Dan l-artikolu japplika biss fejn hemm funzjoni gudizzjarja u la l-PSC u lanqas il-Prim Ministru ma ghandhom jew jista' jkollhom tali funzjoni.

F. Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Gunju, 1988 fl-ismijiet Rose Anne Galea vs Onor Prim Ministru et [Vol LXXII-I-26] il-Qorti Kostituzzjonali qalet:
"Il-Bord ta' dixxiplina m'ghandu f'dan l-istadju ebda funzjoni li jinvestiga l-allegazzjoni li kien hemm vjolazzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew tal-Ewwel Skeda tal-Att XIV tal-1987 da parti tal-Bord tal-Inkjesta, liema allegazzjoni tifforma l-meritu tal-kawza izda l-funzjoni tieghu hija li jezamina l-fatti tal-kaz u li a bazi ta''dawn il-fatti jasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu dwar dak li qed jigi migjub kontra r-rikorrenti".

G. Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali Antonia Bartolo et nomine vs Onor Prim Ministru et deciza fid-29 ta' April, 1996 [spiss riferuta bhala l-kaz tal-Piper Lance li telaq mit-Tunezija ghal Malta] gie ritenut li dak il-Bord la kien qorti u lanqas ta' awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi. Din kienet inkjesta amministrattiva.

H. Fil-kawza fl-ismijiet Eddie Cachia vs Dr Joe Galea Debono et [deciza fil-21 ta' Mejju, 1993] il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li l-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ma setghetx titqies bhala qorti ghall-iskop tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u dan wara li qalet li qorti trid tkun indipendenti u imparzjali u s-smiegh isir fil-pubbliku; u li l-persuna koncernata jrid ikollha l-opportunita' li ggib l-provi kollha; irid ikollha l-poter li tiddetermina l-ezistenza u l-kobor ta' dritt civili jew obbligu jew l-ezistenza ta' reat. Il-Qorti Kostituzzjonali kienet waslet ghall-konkluzjoni li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilita biex tiddecidi dwar drittijiet civili u obbligi izda li tinvestiga ilmenti maghmulin minn rikorrent li jhoss li jkun baghta ingustizzja maghmula mill-Gvern. Ara wkoll fuq il-Kummissjoni Antoine Tagliaferro et vs l-Onor Prim Ministru [5/10/95 mill-PA] fejn gie ribadit l-istess principju li l-Kummissjoni ma kellix poter li taghti decizjoni finali vinkolanti u li kull ma kienet taghmel taghti parir. Fil-kummissjoni l-proceduri ma kinux isiru fil-pubbliku; m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet u l-partijiet ma jidhrux f'sistema avversarja.

I. Fil-kaz in ezami l-funzjoni tal-PSC kien li tohrog l-applikazzjonijiet, tappunta Bord ta' Ghazla, tigi maghzula l-persuna, u ssir ir-rakkomandazzjoni. Il-Prim Ministru jekk jaqbel kellu jiehu hsieb li tohrog il-hatra. Il-funzjoni ta' Qorti jew awtorita' ohra gudikanti ghandha rwol ferm differenti b'mod li tapplika l-ligi tal-pajjiz wara li tezamina l-kontestazzjoni ta' bejn il-partijiet u taghti d-decizzjoni taghha [u mhux rakkomandazzjoni] finali [l-appell u konferma jew revoka ma ghandhomx jaffetwa s-sinifikat ta' dak li qieghed jinghad].

J. Naturalment irid ikun hemm kontestazzjoni li trid tigi ezaminata fid-dawl tal-ligi tal-pajjiz u l-Qorti jew awtorita ohra gudikanti trid taghti d-decizjoni taghha. Fil-kaz in ezami ma kienx hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet izda se mai konkors."

Ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Marthese Azzopardi vs Maltacom p.l.c.** deciza fil-11 ta' Awissu 2000, il-Qorti Kostituzzjonali kkunsidrat li:
Ir-rikorrenti kienet giet mixlija quddiem il-Bord tad-Dixxiplina tal-Maltacom, socjeta` pubblika ma liema hija kienet impjegata, bi ksur ta' l-obbligu ta' konfidenzjalita`. Il-Bord ta' Appell (Dixxiplina) tas-socjeta` intimata kien sab lir-rikorrenti hatja li zvelat informazzjoni kunfidenzjali meta ma kienx suppost. Ir-rikorrenti issa ppretendiet li gew miksura fil-konfront taghha d-dritt li hija tinghata smiegh xieraq quddiem tribunal imparzjali u indipendenti u dan billi l-membri tal-Bord ma kinux imparzjali u indipendenti u l-proceduri tmexxew bil-maghluq. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talbiet tar-rikorrenti u annullat id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell (Dixxiplina) u dan billi t-tribunal ma kienx wiehed imparzjali u indipendenti. Il-Qorti Kostituzzjonali rrevokat uu cahdet it-talbiet tar-rikorrenti.

Il-Qorti osservat li d-dritt ghal smiegh xieraq jinghata fejn id-decizjoni ta' Bord jew Tribunal seta' jkollu effett fuq id-drittijiet u obbligi civili tal-persuna koncernata. Fil-kaz prezenti l-funzjoni tal-Bord kienet limitata ghad-dixxiplina ta' l-impjegati tas-socjeta`. Ghalhekk din id-decizjoni ma kinitx timporta bdil fid-drittijiet u obbligi civili tar-rikorrenti. Kien ikun xort'ohra il-kaz kieku l-proceduri quddiem il-Bord

wasslu ghat-tkeccija taghha, f'liema kaz dik id-decizjoni kienet tkun tinvolvi l-obbligi u d-drittijiet civili taghha. Fil-kaz prezenti l-portata tad-decizjoni kienet wahda limitata ghad-dixxiplina u kull effett li tali decizjoni seta' kellha fuq il-promozzjoni taghha kien wiehed indirett u kazwali. Ghalhekk il-protezzjoni akkordata mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma kinitx applikabbli ghall-kaz.

Fil-kaz in ezami r-rikorrent applika ma’ l-awtorita` kompetenti f’Malta biex jakkwista l-i***status*** ta’ refugjat izda dan gie michud u wara din ic-cahda r-rikorrent appella quddiem il-Bord ta’ l-Appelli, liema bord huwa indipendenti mill-Kummissarju. Skond l-insenjament tas-sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem **H vs Belgium** tal-1997, **Hamer vs France** tal-1996 u **Giorgiadis vs Greece** tal-1997 ma jissussistix ir-rekwizit ta’ kontestazzjoni kif imsemmi fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni. It-talba ghal ***status*** ta’ refugjat mhix procedura fejn hemm forma ta’ kontestazzjoni. Din issir wara applikazzjoni fejn tittiehed id-decizjoni in segwitu ta’ talba fejn wiehed jadixxi l-awtorita` ghal talba ta’ i***status*** ta’ refugjat. Il-ligi tghid li dwar id-decizjoni ma hemmx appell. Ghalhekk ma jidhirx li hemm decizzjonijiet la tal-Qrati Maltin u anqas ta’ Strasbourg li jghidu li l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni huma applikabbli f’kaz ta’ applikazzjoni ghal ***status*** ta’ refugjat.

Inoltre l-Qorti taghmel referenza ghal diversi kazijiet tal-***European Commission of Human Rights*** u specifikament ghal applikazzjoni numru 16217/90 **CT. against Switzerland** tas-16 ta’ Marzu 1990:
“However, the Commission recalls its case-law according to which a decision as to wether an alien should be allowed to stay in a country or be expelled does not involve either the determination of the alien’s rights or obligations or of a criminal charge within the meeting of Article 6. para (Art 6-1) 1 of the Convention (see No. 8118/77, Dec. 19.3.81, D.R. 25p. 105). It follows that this part of the application is incompatible ratione materiae with the provision of the Convention within the meaning of Article 27 para. 2 (Art. 27-2) of the Convention.”

Ara wkoll applikazjoni 19088/91 ***B.S. against Switzerland*** tat-13 ta' Dicembru 1991.

Ukoll issir referenza ghall-applikazzjoni 18275/91 **F.B.M. against Sweden** tas-7 ta' Dicembru 1992 fejn intqal:
"The applicant also complains about the absence of any court review of the expulsion decision and alleges a violation of Article 6 (Art. 6) of the Convention. The Commission recalls, however, that according to established case-law, Article 6 (Art. 6) does not apply to the procedure for expulsion of an alien (see, inter alia, No. 8118/77, Dec. 19.3.81, D.R. 25 p. 105). This complaint is therefore incompatible, ratione materiae, with the provisions of the Convention and must be rejected according to Article 27 para. 2 (Art. 27-2) of the Convention."

Jinghad ukoll li fis-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1971 fl-ismijiet **Rengeisen vs Austria** gie ritenut li l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni mhux applikabbli ghall-kaz stante li dawn il-proceduri mhux determinattivi.

Ir-rikorrent ukoll invoka n-nuqqas ta' smiegh xieraq fil-proceduri quddiem il-Kummissarju kif ukoll quddiem il-Bord ta' l-Appelli Dwar ir-Refugjati. Gie eccepit li dawn l-artikoli mhux applikabbli minhabba li l-proceduri ma jittrattawx dwar drittijiet jew obbligi ta' natura civili. Fl-applikazzjonijiet 23895/94, 23987/94 u 23988/94 fl-ismijiet **M.F.K., S. EL ZEINA and A. SALEH against the Netherlands** tal-Kummissjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tat-28 ta' Novembru 1994 intqal:
"As regards Article 6 (Art. 6) of the Convention the Commission recalls that, according to its constant case-law, proceedings concerning political asylum, a request for a residence permit or expulsion of an alien do not involve a determination of civil rights and obilgations or of a criminal charge (cf. No. 13162/87, Dec. 9.11.87, D.R. 54 p. 211; No. 9285/81, Dec. 6.7.82, D.R. 29 p.205; No 9990/82, Dec. 15.5.84, D.R. 39 p. 119). The Commission finds, therefore, that this complaint must be rejected as being incompatible ratione materiae with the Convention

within the meaning of Article 27 para. 2 (Art. 27-2) of the Convention."

Il-Qorti tirreferi wkoll f'dan ir-rigward ghall-applikazzjoni numru 27683/95 **M.H., M., M., S. and I. K. against Switzerland** tas-6 ta' Settembru 1995 li fiha ssemma:
"Insofar as the applicants complain under Article 6 (Art. 6) of the Convention about the asylum proceedings, in particular of their duration and that they were not granted legal aid, the Commission recalls that the decision wether an alien should be allowed to stay in a country or be expelled does not involve the determination either of the alien's civil rights or obligations, or of a criminal charge, within the meaning of Article 6 para. 1 (Art. 6-1) of the Convention (see No. 8118/77, Dec. 19.3.81, D.R. 25 p. 105). The remainder of the application is therefore incompatible ratione materiae with the provision of the Convention, pursuant of Article 27 para. 2 (Art. 27-2) of the Convention."

Filwaqt li l-artikoli li ghalihom ghamel referenza r-rikorrent jitkellmu fuq drittijiet jew obbligi civili l-Att XX tal-2000 jitkellem biss dwar applikazzjoni ghal ***status*** ta' refugjat. Ara f'dan is-sens l-artikoli 2, 4(3), 7(1)(2)(10), 8 (1)(2)(5)(6). Jinghad li l-artikoli 15 u 16 jipprovdu li l-i***status*** ta' refugjat jista' jigi revokat unilateralment u ghalhekk certament ma jistax jinkwadra bhala xi dritt civili. Dan iwassal li l-artikolu msemmi tal-kostituzzjoni ma jreggix ghal kazijiet fejn jintalab ***status*** ta' refugjat. Infatti l-facilitajiet temporanji fuq bazi umanitarja ma jwasslux ghal dritt civili u applikant li lilu gie michud l-i***status*** ta' refugjat xorta wahda jkollu dritt ghal koncessjonijiet ta' kura medika.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll li r-rikorrent applika ghall-i***status*** ta' refugjat biss f'Gunju 2005 u cioe` wara li kien ilu Malta ghal hames (5) snin u dan iwassal li a bazi ta' l-artikolu 8(2A) tal-Kap 420 tali applikazzjoni ma tkunx wahda valida. L-applikazzjoni ghall-i***status*** ta' refugjat saret mir-rikorrent fl-20 ta' Gunju 2005 u cioe` hamest (5) ijiem wara li hu kien gie intercettat mill-Pulizija li gharfuh u bdew il-proceduri halli hu jitkecca minn Malta.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-intimati fuq il-bazi li ma hemm ebda ksur ta' l-artikoli 6 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni.

Spejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------